**27 ta' Ottubru, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

George Debattista

**Reat tal-Kap ta' Familja li Jħalli l-Familja fil-Bżonn — Ġurisdizzjoni — Domiċilju — Azzjoni Ċivili u Azzjoni Kriminali — Art. 5(a), 6 u 352(x) tal Kodiċi Kriminali.**

*Il-Qorti ta' Malta għandhom ġurisdizzjoni jieħdu konjizzjoni ta' reat kommess hawn Malta anki jekk min jikkommettieh ma għandux id-domiċilju tiegħu f'dawn il-Gżejjer.*

*Il-kap ta' familja jirrendi ruħu ħati li ħalla l-familja fil-bżonn anki jekk hu ma jmantnix lill-martu biżżejjed, meta dan hu jagħmlu mingħajr ġustifikazzjoni; għax allura jkun jonqos l-element tal-irregolatezza.*

*L-azzjoni kriminali hija indipendenti mill-azzjoni ċivili; għal-daqstant, jekk f'kawża ta' separazzjoni jsir ftehim dwar kemm għandu jagħti bħala alimenti provviżorji r-raġel lill-martu, ir-raġel ma jkunx ħati ta' dan ir-reat jekk huwa, mhux kapriċċożament, imma għax ġustifikat, ma jagħtix dawk l-alimenti lill-martu, avvolja dwar l-ammont tal-alimenti jkun sar ftehim bejn ir-raġel u l-mara f'sede ċivili.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors li bih George Debattista appella mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-8 ta' Ġunju 1961, li biha ġie misjub ħati illi ħalla lil martu fil-bżonn billi naqas li jikkonforma ruħu mas-sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-28 ta' Lulju 1960, billi naqas li jagħti lil martu u liż-żewġ uliedu minuri £3. 10. 0d fil-ġimgħa għall-manteniment, u ġie kundannat għal ħmistax il-ġurnata detenzjoni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Fil-kawża li għadha pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn mart l-appellant, Mary Debattista, talbet is-separazzjoni personali mill-appellant u l-kundanna tiegħu għall-manteniment tagħha u taż-żewġt itfal minuri tal-partijiet, l-istess partijiet kienu ftehmu, fis-27 ta' Lulju 1960 (verbal ta' dik il-kawża a fol. 19) illi, "mingħajr preġudizzju tad-drittijiet rispettivi fil-kawża, bħala alimenti provviżorji, il-konvenut, għalkemm fil-preżent mhux qiegħed jaħdem, jagħti lill-attriċi mil-lum £3. 10. 0d fil-ġimgħa, fir-residenza tagħha, għaliha u għat-tfal, imqassmin £2. 10. 0d għall-attriċi u l-kumplament f'parti ugwali għat-tfal";

Skond iċ-ċitazzjoni annessa mal-atti ta' dan l-appell, li ġiet maħruġa fit-22 ta' Awissu 1960, l-imputazzjoni li tagħha l-appellant ġie misjub ħati tirrigwarda "l-aħħar ħmistax il-ġurnata", jiġifieri l-aħħar ħmistax il-ġurnata qabel it-22 ta' Awissu 1960. Anki fis-sentenza appellata jingħad li r-reat sar "f'dawn l-aħħar ħmistax il-ġurnata";

*Kien hemm, hekk,* ftehim bejn il-partijiet illi l-appellant jagħti lil martu l-manteniment fuq imsemmi, u mhux digriet tal-Qorti; u l-perijodu tal-inkriminazzjoni huwa dak ta' ħmistax il-ġurnata qabel it-22 ta' Awissu 1960, jiġifieri qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċitazzjoni;

L-appellant ġie misjub ħati taħt l-art. 352(x) tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid illi jikkommetti reat kap tal-familja li jħalli lill-mara jew it-tfal fil-bżonn minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol;

Irriżulta mix-xhieda tal-istess appellant quddiem il-Qorti illi fiż-żmien li jirrigwarda l-imputazzjoni huwa kien jaħdem ma' Blackley b'paga £5. 10. 0d fil-ġimgħa, u ma rriżultax li kellu proventi oħra. Kif xehed l-appellant, għall-istess żmien hu kien jagħti lil martu £1.10.0d. fil-ġimgħa, għaliha u għaż-żewġt itfal. Irriżulta illi f'Novembru tal-1960, wara li mart l-appellant ħarġet mid-dar u marret bit-tfal toqgħod ma' missierha, dan żgombra bil-Qorti lill-appellant mill-fond li hu kien ta lill-appellant u lil martu biex *joqgħodu fih b'xejn.* L-appellant allura kellu jmur joqgħod ġo fond bil-mobbli, b'kera ta' £8 fix-xahar;

Ikkunsidrat;

Jingħad qabel xejn illi, stante dak li hemm fir-rikors tal-appell dwar il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, fuq l-allegazzjoni li l-appellant u martu mhumiex domiċiljati hawn Malta, illi l-Qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni jieħdu konjizzjoni tal-allegat reat attribwit lill-appellant, bis-saħħa tal-art. 5(*a*) *tal-Kodiċi Kriminali,* stante li r-reat suppost li sar hawn Malta;

In kwantu għall-imputabbilità tal-appellant. għandu jingħad illi jkun hemm dan ir-reat tal-art. 352(x) fuq imsemmi anki meta r-raġel ma jmantnix biżżejjed lil martu, meta dan jagħmlu mingħajr ġustifikazzjoni;

F'dan il-każ l-appellant u martu kienu ftehmu illi hu kellu jagħtiha, anki għat-tfal, £3. 10. 0d fil-ġimgħa, allavolja *dik il-ħabta ma kienx jaħdem.* Dan il-ftehim f'sedi kriminali jservi ta' kriterju fuq l-ammont tal-alimenti li r-raġel imissu jgħaddi lil martu u/jew lil uliedu. Iżda, jekk fi proċedura taħt l-art. 352(x) ikun jirriżulta illi r-raġel

ma ħallasx, f'kollox jew in parti, il-manteniment ta' martu jew uliedu għal raġunijiet ġusti, ma jkunx hemm reat, ankorkè kien hemm ftehim dwar l-ammont tal-manteniment, billi jkun jonqos l-element tal-iżregolatezza. L-azzjoni kriminali, skond il-liġi (art. 6 K.K.), hija ndipendenti mill-azzjoni ċivili, u hekk l-imsemmi reat irid jirriżulta pruvat fl-elementi tiegħu kollha; u b'dan il-mod, fil-każ li jkun jonqos l-element tal-iżregolatezza, billi jkun jirriżulta ġustikat in-nuqqas tar-raġel, ma jkunx hemm il-ħtija, non ostante l-ftehim li jkun sar bejn il-mara u r-raġel f'sedi ċivili dwar il-manteniment;

Fil-każ preżenti, meta l-appellant għall-perijodu msemmi fiċ-ċitazzjoni, i.e. ħmistax il-ġurnata qabel it-22 ta' Awissu 1960, ta lill-martu £1. 10. 0d flok £3. 10. 0d fil-ġimgħa, dan ma ġarax kapriċċjożament, u kwindi mħabba l-iżregolatezza tiegħu, iżda billi, wara li martu marret għand missierha, dan żgombra lill-appellant, li kellu jsib fejn joqgħod u jara kif jagħmel għall-bżonnijiet l-oħra tal-ħajja;

Il-Qorti, f'dawn il-konsiderazzjonijiet, mhijiex b'xi mod tidħol fil-kwistjoni ta' min kien it-tort tal-firda "di fatto" tal-appellant u martu, imma qegħdha tillimita l-ġudizzju tagħha fuq l-addebitu kriminali magħmul lill-appellant u s-sentenza tal-Ewwel Qorti;

Għalhekk;

Tilqa' l-appell u tillibera lill-appellant.